MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 36/2008

Ir-Registratur tal-Qorti (Ghawdex)

Vs

Joseph Buttigieg

Il-Qorti,

**Proceduri ta' disprezz wara li l-qorti kienet iddikjarat li *prima facie* kien irrizulta li l-konvenut kiser ordni li nghatat f'mandat ta' inibizzjoni.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici fl-14 ta' April 2008 li permezz tieghu qeghda titlob li din il-qorti tiddikjara li l-konvenut hu hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti u sabiex tikkundannah ghal wahda mis-sanzjonijiet kontemplati fit-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12. L-attrici ppremettiet li b'digriet tat-3 ta' Mejju 1996 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 128/1996 fl-ismijiet **Rita Mifsud proprio et nomine vs Joseph Buttigieg et**, il-

qorti filwaqt li ddikjarat li kien jirrizulta li *prima facie* r-rikorrenti ghandhom jeddijiet li jehtiegu li jigu protetti f'dawn il-proceduri, laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat lill-intimati sabiex ma jghaddux b'vetturi b'piz iktar minn ghaxar (10) tunellati minn spazju li minn Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex jisbokka ghal gewwa proprjeta' ta' l-istess intimati. Fl-istess atti tal-mandat ta' inibizzjoni, l-intimati kienu obbligaw ruhhom li ma jaghmlux uzu minn vetturi b'piz ta' iktar minn ghaxar (10) tunnellati. Fil-kawza fl-ismijiet **Rita Mifsud proprio et nomine vs Joseph Buttigieg et** (Cit. nru: 128/1996), fit-13 ta' April 1998 l-atturi pprezentaw rikors u ppremettew li bejn l-24 u s-26 ta' Marzu 1998, l-intimati regghu dahlu fil-proprjeta' taghhom mill-ispazju fuq imsemmi b'vetturi li jeccedu l-ghaxar (10) tunnellati u cioe' *ready mix* tal-marka Leyland bin-numru ta' registrazzjoni KAA 662 u ready mix iehor bin-numru FBF 534,u trukk li jgorr il-materjal tal-bini tal-istess marka bin-numru ta' registrazzjoni EBB-186. Permezz ta' digriet li nghata fit-23 ta' Novembru 2007, il-qorti qalet li prima facie kien jidher li dak li gie allegat mill-atturi kien minnu in kwantu *"....il-konvenut ippermetta li jidhlu vetturi li jeccedut t-tunellagg indikat mill-ispazju msemmi fil-perjodu bejn l-24 u s-s-26 ta' Mejju, 1998."*.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-23 ta' Mejju 2008 (fol. 6) il-konvenut ikkontesta t-talbiet ta' l-attrici in kwantu jsostni li m'huwiex minnu li kiser l-ordni li nghata fid-digriet tat-3 ta' Mejju 1996.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 493/1996 degretat fit-3 ta' Mejju 1006.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Rita Mifsud proprio et nomine et vs Joseph Buttigieg et** (Cit. nru: 128/1996).

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. Din il-kawza hi procedura ta' disprezz li saret wara digriet moghti mill-qorti fit-23 ta' Novembru 2007 li bih l-attrici giet ordnata tibda proceduri kontra l-konvenut ghaliex *prima facie* kien irrizulta li dak li kien gie allegat mill-atturi[1] kien minnu. Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

(a) Rita Mifsud u wliedha (fosthom Raymond Mifsud) huma proprjetarji ta' garaxxijiet li jinsabu fi Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex. Konfinanti ma' dan il-bini hemm porzjon art proprjeta' tal-konvenuti li taghti ghal proprjeta' ohra li tigi fuq in-naha ta' wara tal-garaxxijiet.

(b) Fit-30 ta' April 1996, Rita Mifsud u wliedha ipprezentaw rikors u talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (nru: 493/96) kontra Joseph u Gilbert Buttigieg sabiex jigu mizmuma milli jidhlu minn porzjon art proprjeta ta' Joseph Buttigieg u li tikkonfina ma' garaxxijiet proprjeta' tal-familja Mifsud, u liema porzjon art tizbokka fi Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex. Il-familja Mifsud ippremettiet li l-ingenji kbar kienu qeghdin jaghmlu hsara fil-hajt divizorju li jikkonfina mal-porzjon art ta' Buttigieg.

(c) Permezz ta' digriet moghti fit-30 ta' April 1996 il-qorti ordnat li *"....l-intimati provizorjament ghandhom jieqfu milli jghaddu bil-heavy plant machinery mill-passagg imsemmi, u dana sakemm jinghata digriet finali."*.

(d) Fit-3 ta' Mejju 1996 il-qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti fis-sens li ordnat li l-mandat ta' inibizzjoni jkun limitat ghal vetturi li *"jeccedu l-ghaxar (10) tunellati."*. Dakinhar stess gie verbalizzat: *"Dr Michael Grech ghall-intimati jiddikjara illi jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-perit Dimech li mill-ispazju ndikat fl-iskizz ga esebit, jghaddu biss vetturi ta' mhux aktar minn ghaxar (10) tunnellati."*.

(e) Permezz ta' rikors prezentat fit-13 ta' April 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Rita Mifsud proprio et nomine et vs Joseph Buttigieg et** (Cit. nru: 128/1996), l-atturi talbu li l-qorti tordna li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-konvenut ghaliex kiser l-ordni moghtija mill-qorti permezz tad-digriet moghti fit-3 ta' Mejju 1996 meta bejn l-24 u 26 ta' Marzu 1998 regghu dahlu vetturi ta' iktar minn

[1] Fir-rikors prezentat fit-13/4/1998 fil-kawza fl-ismijiet **Rita Mifsud proprio et nomine et vs Joseph Buttigieg et** (Cit. nru: 128/1996).

ghaxar (10) tunnellati, *"....ready mix tal-marka Leyland bin-numru ta' registrazzjoni KAA-662, ready mix iehor tal-istess marka bin-numru ta' registrazzjoni FBF 534, u truck li gorr il-materjal tal-bini tal-istess marka bin-numru ta' registrazzjoni EBB-186."*. Minn dakinhar ghaddew iktar minn disgha (9) snin li matulhom il-partijiet ressqu provi dwar jekk il-konvenut kienx ippermetta li jsir uzu li jsir mill-ispazju *de quo* sabiex minnu jghaddu vetturi b'piz ta' iktar minn ghaxar (10) tunnellati. F'seduta li saret fit-30 ta' April 1998 l-atturi kienu pprezentaw ritratti ta' dawn il-vetturi hergin mill-ispazju in kwistjoni[2].

(f) B'digriet tat-23 ta' Novembru 2007 il-qorti ordnat lir-Registratur tal-Qorti (Ghawdex) sabiex tibda procedimenti ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti kontra Joseph Buttigieg wara li kkonkludiet li *prima facie* kien irrizulta li kiser l-ordni tat-3 ta' Mejju 1996 ghaliex *"....ipermetta li jidhlu vetturi li jeccedu t-tunnellag indikat mill-ispazju msemmi fil-perjodu bejn l-24 u s-26 ta' Mejju 1998."*.

2. Bhala principju hu maghruf li:-

- *"min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b' mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh, jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti ... L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jezigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet"* (**Vol.XXIX P II p 1023; Edward Camilleri *nomine* –vs- Carmelo Vella"**, Appell, 7 ta' Ottubru 1997).
- *"l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq minn jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda millkontendenti."* **Avukat Irene Bonello –vs- Onor. Prim. Ministru *et***", Appell, 28 ta' Frar 1997.
- 

[2] Fol. 31 – 35 ta' l-atti tal-kawza 128/1996.

Fl-Ingilterra l-*Committee on Contempt of Court* kienet spjegat f'rapport (Phillimore report [1974]) li proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti huma, "*a means whereby the courts may act to prevent or punish conduct which tends to obstruct, prejudice or abuse the administration of justice either in relation to a particular case or generally" and as existing to protect not the dignity of the judges but "the administration of justice and 'the fundamental supremacy of the law".*

Proceduri ta' disprezz li ma jkunux *in faciem curiae* jridu jinbdew permezz ta' kawza. Kienet verament flokha l-osservazzjoni li ghamel il-Prim'Imhallef fid-diskors fl-okkazzjoni tad-bidu tas-sena forensika 2008-2009 meta spjega li l-proceduri prezenti qeghdin itawwlu iz-zminijiet u jzidu x-xoghol tal-qorti bla bzonn. Dan apparti l-fatt li min-natura taghhom dawn it-tip ta' proceduri ghandhom jinghataw prijorita'. Proceduri li l-iskop taghhom hu biex jigi assigurat li tinzamm l-awtorita' u d-dinjita' tal-qrati u li hadd ma jisfida din l-awtorita'; *"il-procediment tad-disprezz m'huwiex rimedju ghall-persuna li tkun talbet it-tehid tieghu, imma sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu (jew bl-omissjoni tieghu, skond il-kaz) ksur ta' ordni moghtija lilu"* (**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003).

3. Jibda biex jinghad li r-riferenza ghall-perjodu bejn l-24 u s-26 ta' **Mejju** 1998 fid-digriet tat-23 ta' Novembru 2007, hi biss *lapsus calami* in kwantu fir-rikors prezentat fit-13 ta' April 1998 l-ilment kien ghall-perjodu bejn l-24 u s-26 ta' **Marzu** 1998. Dan l-izball ma jista' jkollu l-ebda ezitu fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri u l-konvenut m'ghandux jithalla jiehu xi vantagg minnu.

4. Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2008 xehed Raymond Mifsud u spjega li fit-8 ta' Mejju 1998 kienet intbaghatet ittra legali lil Francis Azzopardi u nterpellah sabiex ma ighaddix mill-porzjon art in kwistjoni bi trukkijiet u *heavy*

*plant machinery* li ghandhom piz ta' iktar minn ghaxar (10) tunnellati in kwantu dawn it-tip ta' vetturi ma jistghux jidhlu in forza ta' mandat ta' inibizzjoni numru 493/96[3]. Spjega wkoll kif wara dakinhar ma regghux dahlu trukkijiet ta' piz ta' iktar minn ghaxar (10) tunnellati minn dan l-ispazju, u ma kienx hemm iktar problemi dwar dhul, minn dan l-ispazju, ta' vetturi li ghandhom piz iktar minn ghaxar (10) tunnellati; "*Fil-fatt ahna konna baghtna ittra lil dan il-kuntrattur Francis Azzopardi u* ***minn dakinhar ma kellniex problemi****.* ***Mill-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) f'din it-trejqa ma dahal l-ebda trakk iehor. Ix-xoghol waqaf kollu mill-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998).***". Verzjoni li hi differenti minn dik li nsibu fl-atti tal-kawza numru 128/96[4] meta fit-13 ta' Gunju 2000 Raymond Mifsud qal li kemm kien ilu jinstema' r-rikors *".....dawn is-sentejn,* (il-konvenut) *baqa' jisfida kull darba, u kull darba gibna r-ritratti....."*[5].

Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2008 Raymond Mifsud ipprezenta ukoll tlett ritratti (Dok. RM2-RM4) li juru lill-konvenut qieghed jassisti lil sewwieq ta' trukk *ready mix* hiereg mill-isqaq. Dawn l-istess ritratti gew prezentati wkoll fl-atti tal-kawza numru 128/96[6]. Mistoqsi meta ttiehdu dawk ir-ritratti, ix-xhud qal li ma kienx jiftakar. M'hemmx dubju li dawk ir-ritratti ttiehdu qabel l-24 u s-26 ta' **Mejju** 1998, in kwantu:-

(a) In-numri tal-vetturi ghadhom jidhru b'ittra wahda u erbgha numri. Fl-1998 in-*number plates* ta' vetturi f'Malta kienu bi tlett ittri u bi tlett numri;
(b) Flimkien mac-citazzjoni li saret mill-familja Mifsud (prezentata fit-3 ta' Mejju 1996), ipprezentaw tlett (3) ritratti fejn jidhru trukkijiet dehlin u hergin mill-ispazju in kwistjoni. F'wiehed mir-ritratti (Dok. E fol. 13) jidhru l-istess trukk (Leyland 0-2194 kulur isfar), il-konvenut liebes l-istess hwejjeg u jidhru l-istess vetturi li nzerta kienu fi Triq Gorf li jidhru f'Dok. RM2-RM4 (prezentati minn Raymond Mifsud fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2008). Meta

---

[3] Kopja ta' l-ittra tinsab fl-atti.
[4] **Rita Mifsud proprio et nomine et vs Joseph Buttigieg et**.
[5] Fol. 54 fl-atti tac-citazzjoni nru: 128/96.
[6] Fol. 117- 119.

taghmel paragun bejn Dok. E u DokRM2-RM4 m'hemmx dubju li r-ritratti ttiehdu minn Raymond Mifsud fl-istess darba. Ritratti li certament ittiehdu qabel id-digriet tat-3 ta' Mejju 1996.

Min-naha l-ohra l-konvenut isostni li mid-data tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni (3 ta' Mejju 1996) qatt ma dahhal jew ippermetta li jidhlu trukkijiet mill-ispazju *de quo* li jeccedu l-piz stipulat fl-ordni tal-qorti. Spjega wkoll li kien qieghed jibni l-proprjeta' ta' ibnu Gilbert Buttigieg, li tigi fuq in-naha ta' wara tal-bini tal-familja Mifsud, u li dan ix-xoghol tlesta fl-1996. Fis-16 ta' Frar 1996 l-Awtorita' ta' l-Ippjanar harget permess f'isem Gilbert Buttigieg ***"To erect dwelling house with sea water swimming pool."***. Il-konvenut spjega kif *"ix-xoghol esegwit kien tkejjel fil-11 ta' Gunju 1996 kif jirrizulta mill-kejl u stima li qed tigi hawn annessa bhala Dok. G..... ix-xoghol kien komplut sa qabel il-11 ta' Gunju 1996."* (fol. 15). Ipprezenta wkoll kontijiet u ricevuti ta' hlas dwar xiri u trasport ta' konkos fil-perjodu bejn April u Mejju 1996 (fol. 19-23) u kont bil-kejl u stima tas-saqaf ta' l-ewwel sular, li sar fil-11 ta' Gunju 1996 (fol. 24-6). Mart il-konvenut (Carmen Buttigieg) ikkonfermat l-istess affarijiet.

Rilevanti wkoll hu rikors prezentat fil-15 ta' Mejju 1996 mill-konvenut fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 493/96 fejn spjega li kien wasal sabiex isaqqaf u kellu jinghata l-konkos. Ghalhekk *"....jinhtigilhom jersqu b'concrete mixer mal-proprjeta' taghhom: dan jeccedi l-ghaxar tunnellati."*, u talbu permess ghad-dhul ta' dan it-trukk mill-ispazju. B'digriet li nghata fit-22 ta' Mejju 1996 il-qorti cahdet it-talba. Jidher ghalhekk li sa ferm minn qabel meta l-konvenut ried li jaghmel xi haga li kien jaf li ser tmur kontra l-ordni tal-qorti, fittex l-awtorizazzjoni tal-qorti.

Il-konvenut qal ukoll li kien ta permess lil certu Mario Decelis sabiex minn dan l-ispazju jkun jista' jghaddi bi trukkijiet li ma jeccedux il-piz ta' ghaxar (10) tunnellati, ghaliex kien qieghed jaghmel xogholijiet fid-dar tieghu. Mario Decelis kien xehed fis-seduta tad-29 ta' April 2004 (fol. 50) u spjega li:-

- Beda x-xogholijiet, *"Sa fejn naf jien, jekk ma jiniex sejjer zball, kien Marzu tan-nineteen ninety eight (1998). Frar jew Marzu tan-nineteen ninety eight."*. Pero' qal li jista' jkun li x-xoghol kien beda qabel.
- Ix-xoghol kien ta' bini u wkoll tahfir peress li ried ikabbar swimming pool. In-natura tax-xoghol iddeskrivieh bhala *"...zghir, mhux xi major excavation kien hemm. Din kienet pool ezistenti, u tkabbret iktar milli kienet dak iz-zmien."*.
- Kien tah permess il-konvenut sabiex ighaddi mill-ispazju in kwistjoni u kkonferma li kien qallu li ma jistghux ighaddu trukkijiet li kellhom piz ta' iktar minn 10 tunnellati.
- *"Jumejn xoghol kien hemm"*.

5. Irrizulta wkoll l-vetturi KAA 662 u FBF 534 (trukkijiet li jissemmew fir-rikors tat-13 ta' April 1998) huma registrati f'isem Saviour Camilleri, li l-qorti tifhem li hu Salvu Camilleri & Sons li ghandha l-laqam ta' Najsi. Rajna kif din l-istess kumpannija bieghet u garret il-konkos fuq inkarigu tal-konvenut. Permezz ta' affidavit prezentat flimkien ma' nota ta' l-attur fit-3 ta' Ottubru 2008, ix-xhud John Camilleri qal: *"Jien nahdem ma' missieri fis-socjeta' maghrufa bhala Salvu Camilleri & Sons li ghandha l-laqam Tan-Najsi...... nikkonferma li mir-records tal-kumpannija Salvu Camilleri & Sons irrizulta li ma saru l-ebda konsenji f'Marzu 1998 ghal Joseph Buttigieg fil-proprjeta' tieghi gewwa x-Xaghra, Ghawdex."* (fol. 30). Xhieda li ma gietx kontradetta.

6. Punt li jista' jimmilita kontra l-verzjoni li nghatat mill-konvenut hu li nnega li qatt fittex u nghata servizz minn Francis Xavier Azzopardi li f'ismu registrat trukk Leyland numru EBB-186, cjoe' wiehed mit-trukkijiet li jissemma fir-rikors li ghamlu fit-13 ta' April 1998 u li wassal biex jinbeda dan il-procediment ta' disprezz. Fl-atti tal-mandat ta inibizzjoni 493/96 fl-10 ta' Mejju 1996 ir-rikorrenti kienu pprezentaw ritratti ta' trukkijiet hergin ghal Triq Gorf minn fuq dan l-ispazju. Wiehed minn dawn it-trukkijiet hu

proprju dak fuq imsemmi li dak iz-zmien kellu numru ta' registrazzjoni O-6179[7]. Madankollu wara li l-qorti qieset il-fatti kollha hawn fuq imsemmija m'hijiex moralment konvinta li bejn **l-24 u s-26 ta' April 1998** il-konvenut kien ippermetta li t-trukkijiet numru KAA662, FBF534 u EBB186 jidhlu u johorgu minn dan l-ispazju. Fil-fehma tal-qorti jezisti d-dubju u dan ghandu jmur ghal beneficcju tal-konvenut, iktar u iktar meta wiehed iqies li l-gurisprudenza hi fis-sens li dawn il-proceduri huma ta' natura penali. F'kaz ta' dubju l-beneficcju ghandu jmur favur l-akkuzat, ghaliex il-prova min-naha tal-attur ma tkunx saret b'mod konklussiv.

Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tichad it-talbiet ta' l-attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[7] Ara fol. 20 ta' l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 493/96.